*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,813, 5 ta' Frar, 1981*

*Taqsima C*

# Nru. 177

5. 2. 81

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Brincat M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta ta' l-4 ta' Frar, 1981.

**ATT biex jipprovdi dwar id-differiment ta' ċerti kawżi quddiem il-Qrati Superjuri.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Brincat M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 4th February, 1981.

**AN ACT to make provision with respect to the adjournment of certain causes before the Superior Courts.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex jipprovdi dwar id-differiment ta' ċerti kawżi quddiem il-Qrati Superjuri.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 dwar Differiment Speċjali ta' Kawżi.

Differiment ta' ċerti kawżi li kellhom jinstemgħu wara t-3 ta' Jannar, 1981.

2. Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew f'xi liġi oħra, il-kawżi kollha li kellhom jinstemgħu quddiem xi waħda mill-Qrati Superjuri fit-3 jew wara t-3 ta' Jannar, 1981, u li għal xi raġuni ma ġewx differiti mill-Qorti għal data stabbilita, għandhom jitqiesu li ġew differiti għat-3 ta' Marzu, 1981, iżda f'dik id-data dawk il-kawżi għandhom jerġgħu jiġu differiti għal jiem oħra sabiex il-Qorti tkun tista' timxi għal kollox fuq il-liġijiet tal-proċedura li jkunu fis-seħħ f'dik id-data.

L-Att jieqaf mis-seħħ fil-31 ta' Marzu, 1981.

3. Bla ħsara għal kull ħaġa li tkun saret bis-saħħa tiegħu, dan l-Att jieqaf mis-seħħ fil-31 ta' Marzu, 1981.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jħalli għal data stabbilita l-kawżi kollha li kellhom jinstemgħu fit-3 jew wara t-3 ta' Jannar, 1981, u sabiex jipprovdi li f'dik id-data l-Qorti tkun tista' tagħmel listi ġodda ta' dawk il-kawżi b'mod li tkun tista' timxi għal kollox fuq il-liġijiet il-ġodda tal-proċedura.

# A BILL

## entitled

*AN ACT to make provision with respect to the adjournment of certain causes before the Superior Courts.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Special Adjournment of Causes Act, 1981. Short title.

**2.** Notwithstanding anything contained in the Code of Organization and Civil Procedure or in any other law, all causes which were due for hearing before any of the Superior Courts on or after January 3, 1981, and which are not for any reason adjourned by the Court to a fixed date, shall be deemed to have been adjourned to March 3, 1981, but such causes shall on that date again be adjourned to such dates as will enable the Court fully to comply with the laws of procedure in force on that date. Adjournment of certain causes due for hearing after January 3, 1981.

**3.** Without prejudice to anything done thereunder, this Act shall cease to be in force on March 31, 1981. Act to cease to be in force on March 31, 1981.

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to adjourn all causes which were due for hearing on or after January 3, 1981, to a fixed date and to provide that on that date the Court shall so re-arrange the lists of those causes as will enable it fully to comply with the new laws procedure.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*

Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*